**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Jason Azzopardi**
**Jessica Sant**
**Marlene Sant**
**Donna Vella**

**Seduta Distrett Valletta**

**Illum 25 ta' Frar, 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Jason Azzopardi** detentur tal-karta tal-identita numru 9782M, **Jessica Sant** detentrici tal-karta tal-identita numru 273895M, **Marlene Sant** detentrici tal-karta tal-identita numru 304376M u **Donna Vella** detentrici tal-karta tal-identita numru 407794M billi huma akkuzati talli nhar is-6 ta' Frar 2014 fil-Qorti ta' Malta quddiem il-Magistrat Dr. Charmaine Galea LL.D, fil-Belt Valletta:

1. Taw xhieda falza fi proceduri kriminali dwar reat;

2. Halfu l-falz quddiem il-Magistrat li ghandha s-setgha bil-ligi li taghti gurament.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' kundanna, tapplika espressament il-piena ta' interdizzjoni generali.

Il-Qorti fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2016 hatret lil Dr William Cuschieri bhala perit legali biex jisma' l-provi bil-gurament, jigbor id-dokumenti kollha marbuta mal-kaz u jirrelata;

Il-perit legali kien sostitwit mil-Qorti fl-4 ta' Dicembru 2018 u kienet innominata Dr. Anna Mallia;

Il-Qorti rat ir-rapport ta' Dr. Anna Mallia li pprezentat u halfet waqt is-seduta tat-3 ta' Dicembru 2019 fejn ikkonkludiet li:

L-imputata **Marlene Sant** detentrici tal-karta tal-identita numru 304376M ghandha tigi liberata minhabba nuqqas ta' prova.

Rigward it-tlett imputati l-ohra **Jason Azzopardi** detentur tal-karta tal-identita numru 9782M, **Jessica Sant** detentrici tal-karta tal-identita numru 273895M, u **Donna Vella** detentrici tal-karta tal-identita numru 407794M:

> **Dwar l-ewwel akkuza giet pruvata u l-artikolu 108 tal-Kodici Kriminali jistipula piena ta' prigunerija ta' minn erba xhur sa sena;**
>
> **Dwar it-tieni akkuza l-imputati ma ghandhomx jinstabu hatja taghha stante li huma xehdu l-falz fi proceduri kriminali**
>
> **Illi l-interdizzjoni hija tassativa skont l-artikolu 109 tal-istess Kodici u hija ghaz-zmien minn hames snin sa ghaxar snin.**

Il-Qorti tat zmien lill-partijiet biex idahhlu nota ta' sottomissjonijiet dwar ir-rapport u dan sat-30 ta' Dicembru 2019;

Il-Qorti rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputati pprezentata fis-27 ta' Dicembru 2019, in-nota ta' Winston sive Agositne Bonello pprezentata fil-21 ta' Jannar 2020 u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fl-24 ta' Jannar 2020.

## <u>KONSIDERAZZJONIJIET GENERALI</u>

### Preliminari[1]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula.  Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

---

[1] Il-Qorti qeghda tibbaza din l-eewel parti fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-

Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero, stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**Il-fatti specie tal-kaz**

Dan il-kaz gie investigat wara li l-pulizija mill-ghassa tal-Belt gew mitluba mill-Magistrat Dr. Charmaine Galea LL.D f' sentenza moghtija minnha fl-4 ta' Dicembru 2015 sabiex il-pulizija tinvestiga lill-imputati.

L-ufficjali tal-pulizija wara li inghatat kopja tax-xhieda li inghatat quddiem il-Magistrat Dr. Charmaine Galea LL.D kif ukoll ic-CCTV footage tal-incident kienet baghtet ghall-imputati fejn irrilaxxaw stqarrija wara li ikkonsultaw mal-avukat tal-fiducja taghhom qabel l-interrogazzjoni hlief Donna Vella li ma riditx tikkonsulta mal-avukat.

Mill-filmat irrizulta illi kien hemm diversi deskrepanzi fix-xhieda u l-istqarrijiet rilaxxati fejn wara inhargu l-akkuzi relatati.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-IMPUTAZZJONI**

**Artikolu 105 tal-Kodici Kriminali**
**Spergur**

Artikolu 105 tal-Kapitolu 9[2] jghid hekk:

> *"Kull min jagħti xiehda falza fi proċeduri kriminali dwar ir-reat mhux imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, sew kontra kemm favur il-*

[2] Ara Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza mill-Magistrat Neville Camilleri fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Piu Attard** deciza fil-15 ta' Ottubru 2013

*persuna imputata jew akkużata, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa sentejn".*

Illi l-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wigi Attard** deciza fil-25 ta' April 1953 fejn il-Qorti irriteniet li d-disposizzjoni tal-ligi li tirrendi hati ta' spergur lil min jaghti xiehda falza fi proceduri kriminali, sew kontra kemm favur l-imputat, hija applikabblli anki ghall-kaz ta' min ikun xehed il-falz f'kawza kriminali fejn kien imputat huwa stess. L-istess principju gie ribadit fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmelo Bartolo** deciza fit-12 ta' Mejju 1953 fejn l-istess Qorti tal-Appell Kriminali qalet:

*"L-imputat illi jixhed il-falz f'kawza kriminali li saret kontra tieghu stess jirrendi ruhu hati ta' falza testimonjanza l-istess bhal kieku dak l-ispergur gie kommess minn xhud li tkun persuna diversa mill-imputat".*

Illi l-imputat qed jigi akkuzat bi ksur ta' Artikolu 105 tal-Kapitolu 9. Dan ir-reat ilu jezisti fil-ligi sa mill-promulgazzjoni tal-kodici penali taghna u cioé sa mit-30 ta' Jannar 1854 u sussegwentment kienu saru xi emendi zghar, madanakollu fis-sustanza tieghu r-reat baqa' l-istess. Illi l-Giuseppi Falzon fin-noti tieghu **"Annotazioni alle Leggi Criminali per l-Isola di Malta e sue Dipendenze"** (1872) fisser ir-*ratio* ta' dina d-disposizzjoni tal-ligi. Jispjega:

*"Siccome l'oggetto o la materia del delitto sono la verita in quanto il testimonio la conosce, ed il diritto che ha la giustizia di saperla da lui,*

*l'intenzione criminosa, esiste appunto perche' contravviene scientemente a quest'obbligazione che ha di dire il vero."*

Fuq l-istess vena jghid l-Antolisei:

> *"L'Autorita' gudizziaria per assolvere i suoi compiti, ha bisogno di mezzi di prova e particolarmente di testimonianze, le quali debbono essere veritiere e complete, affinche' possano essere emessi provvedimenti giusti, e cioe' conformi alla lettera e allo spirito della legge. La testimonianza falsa e reticente puo' fuorviare l'attivita' giudizziara e per questa ragione viene sottoposta a pena. [...] Oggetto della tutela penale e' l'Amministrazione Della Giustizia alla veridicita' e completezza di quel mezzo di prova che va sotto il nome di testimonianza".*[3]

Illi minn dana l-bran jemergi ghalhekk dak illi l-legislatur ried jittutela meta t-testimonjanza falza giet inkorporata mar-reati kriminali. Fil-fatt dana r-reat jinsab taht it-Titolu tad-Delitti Kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u dana precizament peress illi l-ispergur jista' jwassal biss ghal *miscarriage of justice*, dana peress illi l-gudikant ser jasal ghal gudizzju tieghu abbazi ta' fatti inveritjieri u foloz. Minn dana l-bran ukoll jemergu l-elementi legali li jsawru dana r-reat, kif ahjar esposti mill-Professur Mamo fin-notamenti tieghu dwar id-dritt penali fejn jelenka erba' elementi li huma essenzjali ghall-ezistenza ta' dana r-reat tal-*judicial perjury* cioé:

---

[3] Parte Speciale – Reati Contro l'Amministrazione della Giustizia.

"(i) *a testimony given in a cause.*

(ii) *on oath lawfully administered by the competent authority.*

(iii) *falsity of such testimony in a material particular.*

(iv) *willfulness of such falsity or criminal intent*".

Dwar l-ewwel element ma hemmx wisq x'jinghad. Dana johrog car mill-qari stess tad-disposizzjoni tal-ligi li titkellem dwar dana r-reat. Jidher illi s-suggett attiv ta' dana r-reat huwa ovvjament ix-xhud. Ghalhekk qabel xejn irid ikun hemm xiehda li tinghata f'kawza pendenti quddiem Qorti tal-Gustizzja u dana fi proceduri gudizzjarji maghmula skond il-ligi. Dana ghalhekk jinkludi kull tip ta' stqarrija li ghandha valur probatorju ghar-rigward tal-fatti esposti. Il-Mamo jghid:

"*It must be a cause that is to say contentious proceedings which call for a decision*".

It-tieni element jitkellem dwar l-element oggettiv tar-reat u cioé x-xiehda falza li trid tkun giet moghtija taht gurament li jigi moghti skond il-ligi minn awtorita kompetenti. Kif ighidu l-awturi, fosthom il-Manzini, dina tista' tkun wahda minn tlett ipotesi u cioé "***l'affermazione del falso, la negazione del vero o la reticenza.***"[4]

Illi l-ahhar zewg elementi huma l-iktar tnejn importanti li jistghu jwasslu ghal kundanna. Dana peress illi dawn jitkellmu dwar in-natura tax-xiehda li tinghata u l-intenzjoni tax-xhud.

[4] Capitolo XIX Delitti Contro l'Amministrazione della Giustizia.

Ghalhekk fit-tielet lok il-falsita trid tkun tirreferi ghal **<u>fatt materjali u determinanti ghal ezitu tal-kawza</u>**. Il-Mamo jghid:

> *"In all cases in order that the crime of false testimony may subsist, it is necessary that the falsity be material to the cause. [T]he law aims at ensuring the integrity of judicial trials and it is in violation of such integrity that the injury caused by the crime subsists. If therefore, the falsity falls upon circumstances which are entirely irrelevant to the cause and which, whether true or false, could in no way influence the result, the crime could not arise because no possibility of injury which alone justifies the punishment would exist."*

Ikompli jikkwota dak li jghid il-Maino:

> *"Perche' sussista la falsa testimonianza [...] e' necessario che le circostanze falsamente asserite o maliziosamente taciute <u>siano pertinenti alla causa e influenti sulla decisione di questa</u>."* (sottolinjar tal-Qorti).

Il-Mamo jkompli:

> *"If the falsity is material, that is to say could have effected the decision one way or the other, it does not matter that it has not in fact influenced such decision. All the authorities are unanimous that a crime of false testimony is complete so soon as a false deposition is made which is calculated to mislead the Court".*

L-istess ighid l-Antolisei:

> *"Affinche' possa farsi luogo alla punizione, per noi e' necessario che la falsita' sia guridicamente relevante, il che significa che deve contrastare con lo scopo della norma incriminatrice. Siccome questa mira ad impedire che l'attivita' giudiziaria sia fuorviata, occorre che il fatto che' e stato commesso abbia la possibilita' di determinare tale risultato. Riteniamo, pertanto che la possibilita' di influire sulla decisione giudiziaria sia requisito implicito del delitto in esame, requisito che si desume dalla ratio della norma o se si preferisce dalla oggettivita' giuridica del delitto medesimo. Ne consegue che debbono considerarsi giuridicamente irrilevanti non solo le falsita' che concernano circostanze estranee alla causa (non pertinenti, come si dice nel linguaggio forense) oppure insignificanti, ma anche tutte le altre che per la loro natura o per l'oggetto a cui si riferiscono non hanno alcuna possibilita' di turbare il corso dell'attivita' giudiziaria".*[5]

Fl-ahharnett irid ikun hemm l-intenzjoni kriminuza jew l'hekk imsejha ***mens rea*** tax-xhud li jigdeb taht gurament. Ikompli l-Mamo:

> *"The falsity must be deliberate and intentional, for, if incurred into from inadvertence or mistake it cannot constitute this crime. […] Consequently in order that the crime in question may subsist it is necessary to prove in addition to the actual falsity and the possible injury to the due administration of justice, the criminal intent, a strong*

[5] *Ibid.*

*presumption of which arises when some advantage accrues to the deponent from his false deposition or if he was corrupted".*

L-istess ighid l-Antolisei:

*"Sull'elemento soggettivo di questo reato non sorgono difficolta'. Esso consiste nella coscienza e volonta' di affermare il falso, di negare il vero, oppure di tacere, in tutto o in parte cio' che si sa. Naturalmente il dolo e' escluso dall'errore di fatto, il quale puo' essere anche determinato da dimenticanza, come di frequente accade in pratica".*

Il-Maino wkoll isostni:

*"L'elemento intenzionale del delitto di falsa testimonianza e la coscienza di mentire o di nascondere la verita. [...] Qualunque errore o dimenticanza esclude il dolo in questo reato, e l'apprezzamento di modesto dolo depende dalle circostanze".*[6]

L-awturi huma kollha konkordi, fis-sens illi sabiex jissussisti dana r-reat bilfors illi x-xhud irid ikollu l-intenzjoni doluza u cioé irid volontarjament u bil-hsieb jixhed il-falz jew ma jghidx il-verita. Jekk hija nieqsa dina l-intenzjoni allura l-ebda xiehda inveritjiera ma tista' twassal ghal xi sejbien ta' htija ghal dana d-delitt.

[6] Commento al Codice Penale – Dei Delitti Contro l'Amministrazione della Giustizia.

Il-Prosekuzzjoni ssostni li f'"*Pagina 26 tar-rapport 'fl-istqarrija li l-akkuzati taw lill-pulizija fil-5 ta' Marzu 2016 meta konfrontati bl-ordni tal-Magistrat Dr. C. Galea LL.D kollha ittentaw jiskolpaw lilhom infushom – Jason Azzopardi stqarr issa lil Donna Vella ra taghti lil Augustine Bonello; Donna Vella tghid li hadet ic-cans u marret tixxuttjah lil istess Bonello u anke certu Gurt Borg ghamel l-istess; Jessica Sant tiskuza ruhha u tghid li dan xehditu ghax kienet eccitata u fl-istqarrija tghid li rat lil Donna Vella u lil Gurt isawtu lil Bonello; Marlene Sant tichad li xehdet il-falz u tghid li huma marru jifirduhom u wara li rat il-video hija taf min kien fil-glieda.' Meta fl-istqarrija Donna Vella giet mistoqsijja l-ghala fix-xhieda taghha ma semmietx lil Gurt imkien, hija qalet illi peress li dan kien ghadu taht l-eta. Minn naha l-ohra fl-istqarrija taghha Jessica Sant qalet li Gurt u Donna bdew jaghtu lil Wistin u dan ftakritu wara li giet murijja l-video! Hawnhekk wiehed jistaqsi dwar il-kredibbilta ta' dawn ix-xhieda."*

Id-difiza tqajjem l-eccezzjoni dwar l-inammissibilita' tal-filmati tas-*CCTV* u l-konsegwenti nuqqas ta' korroborazzjoni tax-xhieda tal-*parte civile*

Fil-mori ta' dawn il-proceduri fis-seduta ta' nhar is-26 ta' Frar, 2019, mizmuma quddiem l-espert tal-Qorti Dr. Anna Mallia, gie pprezentat l-inkartament tal-process tal-kawza fl-ismijiet 'Il-**Pulizija v. Jason Azzopardi u Donna Vella**' deciza mill-Magistrat Dr. Charmaine Galea, nhar l-4 ta' Dicembru, 2014.

Il-provi kollha migbura f'dawn il-proceduri tqiesu daqs li kieku gew migbura wkoll fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Augustine Bonello u Maria Bonello.**'

Fil-process surreferit hemm inserit ix-xhieda moghtija kemm mill-ko-imputati, fejn allegatament twettaq l-ispergur mertu ta' dawn il-proceduri, kif ukoll ix-xhieda moghtija mill-*parte civile* Augustine Bonello, ta' nhar is-6 ta' Frar, 2014.

Fl-istess xhieda, dik ta' nhar is-6 ta' Frar, 2014, Augustine Bonello, fuq mistoqsija tal-avukat patrocinat tieghu Dr. Tonio Azzzopardi, ghamel accenn ghall-CCTV *camera* installata mal-faccatta tal-proprjeta' tieghu gewwa l-Mellieha.

Hu sostna li mill-filmati tal-istess CCTV *camera* jintwera l-akkadut mertu ta' din il-kawza izda sa dak l-istadju is-*CD's* relattivi kontenenti dawn il-filmati ma kienux ghadhom gew ezebiti in atti, u konsegwentament, sa dak l-istadju, il-kontenut ta' dawn il-filmati ma setax jigi ikkonfermat bil-gurament.

Il-filmati tas-*CCTV* in kwistjoni baqghu ma gewx ezebiti mill-prosekuzzjoni fl-atti tal-kawza '**Il-Pulizija v. Jason Azzopardi u Donna Vella**' sakemm fl-udjenza ta' nhar il-5 ta' Gunju, 2014, l-avukat patrocinat ta' Augustine Bonello, Dr. Tonio Azzopardi nforma lill-Qorti li ghandu kopja originali tas-CD kontenenti l-filmati u li kien se jghaddiha lil espert tekniku sabiex jezaminaha u jaghmel kopja ghad-difiza u ghall-Qorti.

Il-kopji mhejjija minn dan l-espert tekniku mhux maghruf tlestew u gewipprezentati fl-atti tal-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Jason Azzopardi u Donna Vella**' permezz ta' nota intavolata minn Augustine Bonello nhar l-1 ta' Ottubru, 2014.

Minkejja li kopja tal-filmat giet ezebita fl-atti tal-proceduri surreferiti u kopja ohra giet mghoddija lid-difiza, l-espert tekniku li inghata l-inkarigu

mill-*parte civile* sabiex jezamina dawn il-filmati u jhejji l-kopji relattivi ta' dawn il-filmati, fl-ebda mumment ma gie mharrek mill-prosekuzzjoni bhala xhud sabiex jixhed u jikkonferma l-kontenut tal-filmat tas-CCTV.

*L*anqas il-*parte civile* innifsu ma rega ha l-pedana tax-xhieda sabiex effettivament jikkonferma tali kontenut u joffri spjegazzjoni, tal-mod ta' kif din is-*CCTV camera* giet installata, meta giet installa, ghalfejn giet installata, min installaha u jekk il-kontenut tal-filmat in kwistjoni giex mittiefes.

Huwa minnu li ai termini tas-subinciz (3) tal-artikolu 410 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-*parte-civile* fi proceduri kriminali ghandu kull setgha bil-ligi li jgib u jressaq il-provi, pero dan certament ma jkunx ifisser li fl-istess waqt m'ghandhomx jibqghu fermi u jigu osservati principji procedurali bazilari li jsawwru s-sistema guridika ta' pajjizna, fosthom li l-kontenut ta' kwalsiasi prova ezebita in atti, b'mod specjali prova dokumentarja, ghandu jigi kkonfermat bil-gurament u dana principarjament sabiex il-parti l-ohra jkollha kull opportunita' sabiex legalment tikkontesta tali prova permezz tal-ghodod lilha provduti mill-ligi.

Per konsegwenza tal-fatt li ebda persuna ma gie mharrek mill-prosekuzzjoni fil-proceduri fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs. Jason Azzopardi u Donna Vella**' sabiex bil-gurament jigi kkonfermat l-kontenut tal-filmati, l-imputati gew prekluzi milli legalment jikkontesta s-sustanza ta' dawn il-filmati bl-uzu tal-kontro-ezami u dana bi ksur tal-principju tal-*equality of arms*.

*I*n vista tal-mankanzi sollevati, din il-prova li potenzjalment setghet tammonta ghal *documentary evidence* kellha tinghata l-genb, tigi sfilzata u titqies bhala prova inammissibli stante li giet ezebita b'mod irregolari u l-kontenut taghha fl-ebda mumment ma' gie ikkonfermat bil-gurament u dana bi ksur ta' regolamenti procedurali ben stabbiliti fis-sistema guridika taghna.

*M*inkejja li kopja tal-filmat tas-*CCTV* regghet mill-gdid giet ezebita fl-atti ta' dawn il-proceduri mill-Ispettur Priscilla Caruana fis-seduta ta' nhar it-28 ta' Settembru, 2016, xorta' wahda rega ma giex imharrek mill-prosekuzzjoni dak l-individwu, espert tekniku, li ezamina u hejja l-koppji tas-CD's kontenenti l-filmat tas-CCTV, sabiex jikkonferma l-kontenut tal-istess CD's.

Id-dizfia ssostni li *"din il-prova dokumentarja ghandha ghal darb'ohra titwarrab u titqies bhala prova inammissibli.*

*Jekk wiehed ikollu momentarjament iwarrab fil-genb il-prova dokumentarja tal-filmat tas-CCTV, kull ma jkun jifdal fl-atti processwali sabiex il-prosekuzzjoni ssostni t-tezi taghha li gie kommess l-ispergur mill-ko-imputati hija unikament il-kelma tal-parte civile innifsu Augustine Bonello fix-xhieda minnu moghtija fl-udjenza ta' nhar il-15 ta' Dicembru, 2016."*

Huwa minnu li s-subinciz (2) tal-artikolu 638 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jippreciza li bhala regola, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizejjed biex taghmel prova shiha u kompluta u sabiex effettivament tigi stabbilita l-htija, izda fil-kawza odjerna dan il-principju generali ma jsibx applikazzjoni u dana

stante li in materja ta' spergur ghandu minflok jigi applikat is-subinciz (1) tal-Artikolu 639 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jiddisponi hekk:

> *"B'dak kollu li jinghad fl-ahhar artikolu qabel dan, hadd ma jista' jigi misjub hati ta' kalunnja, spergur, jew gurament falz, fuq ix-xiehda wahedha ta' xhud wiehed biss li jmeri l-fatt li jkun xehed qabel taht gurament l-imputat jew l-akkuzat; izda dan l-imputat jew akkuzat jista' jigi misjub hati fuq xhieda ta' xhud wiehed biss, meta din ix-xhieda tkun korroborata f'xi cirkostanza li tkun tiswa biex tistabbilixxi d-delitt allegat, minn provi ohra migjubin skont il-ligi."*

Tenut kont ta' dawn l-insenjamenti gurisprudenzjali, jekk fil-proceduri odjerni is-CD kontenenti l-filmati tas-CCTV *camera* ghandha titqies bhala prova inammissibli stante li l-kontenut taghha fl-ebda waqt ma gie mahluf bil-gurament hekk kif rikjest mill-ligi, mela allura l-vot tas-subinciz (1) tal-Artikolu 639 ma jkunx gie ssodisfat. Dana minhabba l-fatt illi fl-atti processwali tal-kawza odjerna ma temergi ebda cirkostanza jew xi forma ta' prova ohra li effettivament tikkorrobora x-xhieda tal-*parte-civile* Augustine Bonello u in vista ta' din il-mankanza, l-esponenti ma jistghux jinstabu hatja tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontra taghhom.

Id-difiza jikkontendu wkoll *"li kieku s-CCTV footage de quo gie esebit fl-atti b'mod regolari u konformi mal-ligi mela allura kien indubbjament jikkostitwixxi l-aqwa prova tal-kaz tal-prosekuzzjoni, izda minhabba li fil-kaz odjern il-kontenut tas-CD kontenenti s-CCTV footage surreferit ma giex ikkonfermat bil-gurament u konsegwentament huwa inammissibbli, mela allura jkun ifisser li l-prosekuzzjoni naqqset li ggib il-quddiem l-aqwa prova possibbli hekk kif jitlob is-subinciz (1) tal-artikolu 638 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Fabio Schembri</u>** deciza fid-disgha u ghoxrin (29) ta' April 2010, il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-principji legali li ghandhom jirregolaw dik it-tip ta' evidenza li hija klassifikata bhala "real evidence". F'dik is-sentenza il-Qorti ghamlitha cara li gurisprudenza tikkunsidra filmati bhala *real evidence*. Il-Qorti imbaghad ghamlet riferenza ghall-Cross, ***<u>On Evidence</u>*** fejn l-awtur jaghti definizzjoni ta' din ir-real evidence:

> *'Things are an independent species of evidence as their production calls upon the court to reach conclusions on the basis of its own perception and not on that of witnesses directly or indirectly reported to it ... Although it was devised by Bentham and adopted by Best, 'Real evidence' is not a term which had received the blessing of common judicial usage. There is general agreement that it covers the production of material objects for inspection by the judge or jury in court, but it is debatable how much further the term should be extended'.*

Cross imbaghad jghaddi sabiex jelenka id-diversi ezempji ta' dak illi jikkostitwixxi "real evidence". Fost dawn l-ezempji huwa jinkludi automatic recordings u jikkummenta:

> *'Most discussion has hitherto centred on the admissibility of tape-recordings, but this has now been supplemented by a thin trickle of authority on the admissibility of other media such as film, video-tape and computer output. In all of these cases the evidence is real evidence when it is tendered to show what it was that was recorded'".*

Il-Qorti ghamlet referenza wkoll ghall-awtur Murphy u l-ktieb tieghu **'*A Practical Approach to Evidence*'** (3rd Ed) fejn jiddefinixxi *real evidence* bhala:

> *"A term employed to denote any material from which the court may draw conclusions or inferences by using its own senses. The genus includes material objects produced to the court for its inspection, the presentation of the physical characteristics of any person or animal, the demeanour of witnesses (which may or may not be offered or presented to the court by design), views of the locus in quo or of any object incapable of being brought to court without undue difficulty and such items as tapes, films and photographs, the physical appearance of which may be significant over and above the sum total of their contents as such ... What is of importance in each case is the visual, aural or other sensory impression which the evidence, by its own characteristics produces on the court, and on which the court may act to find the truth or probability of any fact which seems to follow from it'. … 'The court may look at and draw any proper conclusions from its visual observation of any relevant material object produced before it ... The tribunal of fact is entitled to act on the results of its own perception, even where it conflicts with other evidence given about the object ...'.*

Murphy jkompli jishaq li: '*The court must, before admitting recordings as evidence be satisfied that the evidence which may be yielded is relevant and that the recording produced is authentic and original ... The above principles apply to the use of film produced by hidden, automatic security cameras installed in banks and elsewhere for the purpose of recording robberies and other incidents. The jury*

*are entitled to consider the film as identification evidence of the persons recorded on it, subject to the foundational requirements stated above" see eg 'R v Dodson; R v Williams [1984] Crim LR 489; see "Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1979'."*

Fil-kawza **<u>Taylor vs Chief Constable of Cheshire (1986</u>**), Ralph Gibson LJ ighid:

> *"Where there is a recording, a witness has the opportunity to study again and again what may be a fleeting glimpse of a short incident, and the study may affect greatly both his ability to describe what he saw and his confidence in an identification. When the film or recording is shown to the court, his evidence and the validity of his increased confidence, if he has any, can be assessed in the light of what the court itself can see'"*[7]

Rigward id-deskrepanzi li jsemmu l-Prosekuzzjoni u li wasslu biex jittiehdu passi kontra l-imputati l-Qorti tfakkar dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija** ***vs*** **Charles Bianco**[8] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

> *Din il-Qorti kellha okkazjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu in rebus suis, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju*

[7] Informazzjoni ikkwotata fis-sentenza suriferita Il-Pulizija vs Fabio Schembri.
[8] Appell Kriminali Numru. 115/2006

*li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti biżżejjed biex ma "jikkorregux" il-verzjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkażjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.*

Il-Qorti wara li warrbet il-filmat esebit minhabba l-punti ta' dritt validi li qajmet id-difiza, ma thossx li bil-linja li tat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza aktar 'l fuq kwotata minhabba deskrepanzi li hemm fix-xhieda tista' tasal ghal konkluzjoni li l-imputati wettqu spergur. Huwa minnu li jekk wiehed ihares lejn dawn ir-rimarki b'mod izolat, bir-ragun jasal jemmen li dak li qieghed jinghad m'ghandux mis-sewwa u dana in vista ta' dak li effettivament jirrizulta mill-filmat tas-*CCTV li* qieghed jitwarrab. Izda, jekk wiehed jaghmel apprezzament approfondit ta' dawn l-istess kummenti, fil-kuntest komplut li fihom intqalu, jinduna kemm wiehed m'ghandux direttament jaqbez ghal-konkluzjoni li gie kommess l-ispergur ghaliex l-intenzjoni kriminuza rikjesta sabiex effetivament jissussisti r-reat ta' spergur ma tirrizultax.

**<u>L-artikolu 108 tal-kapitolu 9</u>**
**<u>Ġurament falz.</u>**

L-imputati gew akkuzati kemm bid-delitt ta' spergur ai termini tal-artikolu 105 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (l-ewwel imputazzjoni) u kif ukoll bid-delitt ta' gurament falz ai termini tal-artikolu 108 tal-istess kapitolu ta' ligijiet (it-tieni imputazzjoni).

> *108. (1) Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jaħlef il-falz quddiem imħallef,maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi jagħti l-ġurament, jeħel, meta jinsab ħati -*
>
> *(a) il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena, jekk il-ġurament ikun meħtieġ mil-liġi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' waħda mill-qrati ta' Malta;*
>
> *(b) il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur, jekk il-ġurament ma jkunx hekk meħtieġ jew ordnat.*
>
> *(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għall-ġuramenti Promissorji.*

Illi l-artikolu 108 jitkellem dwar 'l hekk imsejjah *extra judicial perjury* u cioe' il-gurament falz. Il-Mamo f'dana il-kaz jelenka ukoll erba elementi essenzjali li isawwru dana ir-reat u cioe'

> "(i) *a false statement*.
> (ii) *wilfully made*.

(iii) *on oath*

(iv) *before a person authorized by law to administer oaths*."

Illi l-element intenzjonali f'dana ir-reat ukoll jikkonsisti fil-fatt illi l-persuna li tkun qed taghmel dina id-dikjarazzjoni taht gurament tkun konsapevoli illi hija qed tghawweg il-verita'. Ukoll f'dana il-kaz jekk persuna ma tghidx is-sewwa minhabba injoranza, jew minhabba l-fatt li tkun insiet jew ghal xi raguni ohra li teskludi il-malafede, huwa minnu illi tkun saret dikjarazzjoni falza, izda dana ma jista' jwassal qatt ghal xi htija fil-kamp penali.

Fir-rapport taghha Dr. Anna Mallia ikkwotat silta minn sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija v. Abdellatif Marzouki Hachemi Beya Bent'</u>**, deciza nhar it-22 ta' Ottubru, 2001, sabiex tissotolineja id-distinzjoni guridika li tezisti bejn dawn iz-zewg delitti. F'din is-sentenza intqal hekk:

> *"F'dan l-istadju ta' din is-sentenza, ghandu jigi rilevat li r-reat kontemplat fl-Artikolu 104 (1) tal-Kodici Kriminali, u anke dak fl-Artikolu 105, hu dak ta'spergur (falza testimonjanza), filwaqt li r-reat kontemplat fl-Artikolu 108 (1) tal-Kodici Kriminali hu dak ta'gurament falz biss. L-ewwel reat imsemmi hu komunement imsejjah "legal perjury" jew "false testimony", filwaqt li r-reat liehor jissejjah "extra-judicial perjury" jew "false swearing". Fil-fatt, kif gie ritenut u hu accettat, tezisti distinzjoni bejn dawn iz-zewg reati. Bazikament, id-differenza hi li min jixhed falz waqt kawza (ai termini ta' l-Artikoli 104{1} u 105) ma jitqiesx mil-ligi li dak l-agir tieghu jikkostitwixxi biss 'gurament falz', sic et simpliciter, izda jikkostitwixxi 'spergur', cioe',*

*falza testimonjanza; mentri min jiehu gurament falz f'dawk l-okkazzjonijiet l-ohra li mhumiex waqt kawza (ai termini ta' l-Artikolu 108 {1} tal-Kap.9), hemm ikun qed jiehu gurament falz, izda ma jkunx qed jikkommetti d-delitt aktar serju ta' spergur fi-kontest ta' l-imsemmija Artikoli 104 (1) u 105.*

*Fil-kaz in ezami, fl-4 ta'Novembru, 1996, meta l-appellanti tat din ix-xhieda taghha quddiem il-Magistrat Peralta, ma kienx ghad hemm proceduri kriminali, ma kienx ghad hemm 'a cause' li twassal ghal xi decizjoni. Dan hu ovvju l-ghaliex l-imsemmija Artikoli jiddisponu jew juru bic-car li tali xhieda falza trid tkun inghatat fi proceduri fejn hemm persuna akkuzata. Irid mela jkun hemm necessarjament 'a criminal charge to be answered'. Ghalhekk fost l-elementi mehtiega sabiex jissussisti dan ir-reat ta'spergur taht l-Artikoli 104 (1) u 105 tal-Kap. 9, necessarjament tali xhieda falza trid tkun giet moghtija fil-kors ta'proceduri kriminali fejn hemm persuna akkuzata b'reat u fejn irid jigi determinat jekk dik il-persuna hiex kriminalment responsabbli jew le ghal dak li hi akkuzata bih."*

Gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna ghalhekk taghmilha cara li l-artikolu 105 (u 104) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta minn naha wahda u l-artikolu 108 tal-istess Kapitolu minn naha l-ohra huma artikoli distinti minn xulxin u li jirregolaw akkuzi kompletament differenti in kwantu li sabiex jissussisti id-delitt taht l-artikolu 105 irid ta' bilfors ikun hemm persuna mixlija quddiem il-Qorti filwaqt li l-akkuza taht l-artikolu 108 tissussisti biss f'dak l-eventwalitajiet fejn persuna jkun xehed bil-gurament mhux fi proceduri kriminali fejn effetivament hemm 'criminal charge', izda fi proceduri ohra, bhal per ezempju f'inkjesta magisterjali.

Stante li l-imputati allegatament xehdu l-falz fil-proceduri decizi mill-Magistrat Dr. Charmaine Galea fl-ismijiet 'Il-**Pulizija vs. Jason Azzopardi u Donna Vella**', fejn fihom kienu mixlija tnejn minn nies, ghandu japplika biss l-artikolu 105 u mhux ukoll l-artikolu 108 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, taqbel mal-konkluzzjoni ta' Dr. Anna Mallia *a fol.* 30 tar-rapport illi m'ghandiex tinstab htija in kwantu tat-tieni imputazzjoni.

**DECIDE:**

Il-Qorti ghall-mottivi aktar 'l fuq spjegati ma ssibx lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontrihom u tilliberhom.

---

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**

Margaret De Battista

Deputat Registratur